KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa Pubblika Annwali**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 6**

**L-Erbgħa, 30 t'Ottubru 2024**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**

Is-Sur Johann Borg — Kunsillier

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Jordy Brincat — Segretarju Eżekuttiv
Is-Sa Doreen Mintoff — Accountant tal-Kunsill

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Wieħed (1)

**06.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**06.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**06.02 Pjan ta' ħidma 2024-2029**

**06.02.01** Is-Sindku Scott Camilleri fetaħ din il-laqgħa pubblika billi rringrazzja lin-nies preżenti kif ukoll dawk li kienu qed isegwu l-laqgħa online. Din is-seduta kienet dwar il-pjan ta' ħidma li għandu ta' prijorità l-Kunsill tul il-ħames snin li ġejjin. Fis-seduta ġew diskussi mat-tletin proġett/inizjattiva li l-Kunsill qed jippjana għal-lokalità tagħna fi snin li ġejjin. Żgur li sabiex dawn jitwettqu kollha hemm bżonn ta' ħidma kollettiva mill-kunsilliera u kif ukoll b'mod partikolari mill-Gvern Ċentrali u l-entitajiet li se nkunu qed infasslu dawn il-proġetti magħhom. Dan il-pjan għadu fi stat bikri u wara din il-laqgħa jrid jiġi finalizzat il-pjan kif ukoll jinħadmu l-ispejjeż marbuta miegħu. Dan qed isir wara li kmieni matul din il-leġiżlatura kien sar workshop bejn il-kunsilliera kollha fejn inġabru punti miż-żewġ manifesti elettorali taż-żewġ partiti sabiex ikun jista' jitfassal dan il-pjan ta' ħidma.

Ewlenin fost dawn il-proġetti nsibu ċentru ċiviku ġdid, xiri ta' vettura għall-komunità, toroq ġodda, xogħlijiet fil-kosta ta' Birżebbuġa, xogħlijiet ta' ġestjoni tat-traffiku u parkeġġi, spazji għall-komunità u l-għaqdiet, estensjoni tal-park f'Bengħajsa, bandli ġdid fi Triq Santa Katarina u fil-Qajjenza, fost oħrajn. Dan ma jfissirx li xogħolna se jkun qed jiffoka fuq dawn biss, anzi x-xogħol tal-Kunsill imur ħafna iktar lil hinn minn hekk billi se noħolqu inizjattivi u naraw li l-ħajja ta' kull resident tkun waħda tajba.

*Fis-18:00 ngħaqad il-Kunsillier Alex Caruana.*

**06.02.02** Resident 1: beda billi awgura lill-Kunsill tax-xogħol li qed isir. Huwa kompla billi semma li l-post ta' fejn se jsir iċ-ċentru ċiviku se jfixkel l-espansjoni tal-iskola. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li d-Dipartiment tal-Edukazzjoni m'għandux il-ħsieb li jestendi l-klassijiet, iżda li huwa iktar interessat li ssir librerija. Is-Sindku Scott Camilleri qal li jekk tiżdied il-popolazzjoni u jkun hemm il-bżonn ta' iktar klassijiet se jittellgħu iktar sulari.

Resident 1: issuġġerixxa li għandu jsir studju dwar il-popolazzjoni u l-iżvilupp tal-lokalità. Semma wkoll li wieħed jista' jfittex għajnuna mill-Awtorità tal-Ippjanar.

Resident 1: semma r-ridott ta' San Ġorġ fejn qal li r-restawr għandu jsir kullimkien u mhux fejn jidher biss.

Resident 1: semma l-vann li se jinxtara għall-komunità. Huwa qal li l-€40,000 huma allokati għall-vann biss u li wieħed irid jieħu ħsieb ir-running costs ukoll, għalhekk huwa ssuġġerixxa li jingħażel mudell ieħor. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li bħalissa għaddejja diskussjoni dwar x'jista' jsir.

Resident 1: staqsa dwar Triq iż-Żurrieq u għala ma ssemmietx fil-pjan. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dik qiegħda mniżla fil-pjan biex issir ukoll.

Resident 1: semma li Triq Tal-Ġebel mhijiex imsemmija fil-pjan. Il-Kunsillier Alex Caruana wieġeb li bħalissa x-xogħol għaddej u wara li jitlesta se tinqaleb it-triq għal one-way. Ir-resident staqsa jekk ir-rotta tat-trasport pubbliku hijiex se tinbidel għal kif kien il-ħsieb oriġinali. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li għadha ma saritx diskussjoni dwar dan.

Resident 1: semma l-bus shelters. Huwa qal li dwar dawn hemm problema kbira. Is-Sindku Scott Camilleri qal li jrid li l-Kunsill jiffoka biex jieħu ħsieb din il-problema.

Resident 1: semma Ġnien l-Indipendenza. Huwa qal li hemm żball fuq rampa li tagħti għal Triq San Tumas billi hekk kif toħroġ persuna se tiġi ġot-triq. Huwa qal ukoll li ma jidhirx li hemm preparazzjoni għad-dawl fuq barra. Il-Kunsillier Alex Caruana spjega li l-fanali li se jsiru issa se jkunu qed juru ħafna iktar. Semma wkoll li żdiedet bozza f'kantuniera fejn kien hemm ħafna dlam. Huwa qal li xtaq li din il-bozza tiġi bajda iżda r-residenta xtaqitha safra għalhekk kellha ssir bajda b'mod temporanju sabiex ir-residenta tiffirma d-dikjarazzjoni li l-bozza se ssir mal-faċċata tar-residenza tagħha. Fil-fehma tiegħu, il-Kunsillier Alex Caruana qal li hemm post fejn issir bozza oħra iżda jippreferi jistenna li jixgħel il-ġnien u jimxi minn hemm ħalli ma jsirx xogħol għalxejn.

Resident 1: semma li hemm element nieqes bħal proġetti soċjali li huma marbutin mal-binja tal-komunità, integrazzjoni, etċ. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil wieġbet li dawn l-inizjattivi jsiru u fil-fatt saret attività ta' integrazzjoni riċentement fix-xatt fejn iltaqgħu ħafna komunitajiet u li darba fil-ġimgħa jkun hemm team mill-FSWS preżenti fis-sala tal-Kunsill u darba fix-xahar issir laqgħa mal-entitajiet kollha bħall-pulizija, il-kappillan, etċ. sabiex jiġu diskussi l-problemi interni tan-nies. Hija qalet li bħala proġetti soċjali bħalma huma n-night shelters qed jiġu diskussi wkoll.

Resident 1: awgura lill-Kunsill għal darb'oħra għall-ħidma tiegħu, filwaqt li s-Sindku Scott Camilleri rringrazzja dan ir-resident tal-kontribuzzjoni tiegħu lejn il-Kunsill fil-passat u l-preżent.

Is-Sindku Scott Camilleri temm il-laqgħa billi spjega li l-pjan ta' ħidma se jkun qed jiġi mressaq fis-seduta sussugwenti sabiex jiġi diskuss u approvat mill-kunsilliera preżenti wara li saru s-suġġerimenti tal-pubbliku li attenda.

## 06.03 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**06.03.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-18:30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 6 ta' Novembru 2024, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa, 6 ta' Novembru 2024.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |